MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 343/2014

**High Spirits Ltd.**
**C 24667**

**Vs**
**Konrad Cassar**
**ID 376677M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2014, fejn l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenut ihallsu s-somma ta’ disgha mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€ 955.50), rapprezentanti bilanc ta’ kreditu ta’ oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-intimat li gew imhallsa permezz ta 4 cheques li gew “referred to drawer” mill-HSBC Bank Malta Plc, hawn annessi u mmarkati Dok. A sa Dok. D, oltre l-imghaxijiet legali mit-2 ta’ Dicembru, 2013, liema oggetti gew imhallsa mill-intimat b’mod frawdolenti tramite cheques mahruga fuq isem persuna ohra wara liema cekks gew misruqa minnek u konsegwentement l-HSBC Bank Malta Plc iddebita l-kont ta’ l-atturi, biex b’ hekk l-ammont mitlub baqa’ mhux imhallas.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-intimat ghas-subizzjoni.

Il-konvenut wara li gie debitament notifikat deher quddiem it-Tribunal u talab zmien biex jipprezenta rispsosta peress illi z-zmien kien skada. Madankollu l-konvenut la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti sussegwenti.

It-Tribunal ghalhekk iddecieda l-kaz. Peress illi l-attur ipprezenta dokumentazzjoni biex jipprova l-kaz tieghu. It-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ disgha mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€ 955.50) . Bl-imghax Legali mis-16 ta’ Novemru, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------